Ħbieb,

Din id-darba xtaqt nikteb xi ħaġa u nagħti xi suġġerimenti kif tagħmel il-*maintenance* fuq il-PC tiegħek.

Minuta *maintenance* fuq il-PC tiegħek tiswa taqs siegħa xogħol meta il-PC jiġrilu il-ħsara. Meta tagħmel il-*maintenance* kull ċertu żmien tiffranka ħin u flus żejda. Dawn it-*tips* li se nagħti jikkonċernaw il-*computer* kollu, jiġifieri rigward *software* u *hardware*.

1). Skanja għall-*Viruses*.

l-*Antivirus software* li għandek installat fil-PC tiegħek jipprova jinduna b'xi *virus* qabel ma jinfetta il-PC. Il-*programers* li jiktbu dan is-*software* ma jistgħux jindunaw minn qabel meta *virus* ġdid jinfetta xi-PC. Għalekk kull PC huwa suġġett għall xi infezzjoni anki jekk għandek il-*virus scanner* apdejtjat bl-aħħar files neċessarji.

Il-*programers* li jiddisinjaw dan is-*software* jagħfuh tajjeb dan, għalhekk jagħtu l-abbilta lil dan is-*software* biex inti tkun tista tiskanja id-*disk drives* għall xi infezzjoni. Ħuda drawwa u għamel *full-disk scan* darba fix-xahar speċjalment jekk inti timmaniġġa ħafna dokumenti jew xi dokumenti fejn jidħlu il-flus.

Irranja *full-disk scan* meta tara il-PC mhux jaħdem bħass soltu. Hemm tipi ta' *viruses* li jattakaw u jinħbew ma ċertu *files* fis-sistema tiegħek li jikkaġunaw lill-*computer* ma jaħdimx sewwa kif suppost. Biex issibhom dawn il-kwalita ta' *viruses* bilfors ikollok tagħmel *full-disk scan*.

2). Naddaf ir-*registry*.

Ir-*registry* huwa post li s-sistema *windows* tistorja fieħ informazzjoni importanti rigward *files*. Informazzjoni bħall *licence key*, kemm baqalu programm biex jispiċċa meta jkollok ċertu żmien bi prova għax tkun iddawnlowdjajtu b'xejn u xi affarijiet oħra. Meta inti tiddilitja programm minn fuq il-*hard disk* din l-informazzjoni li għadni kif semmejt tista tibqa hemm fir-*registry*. Għalhekk ikollok informazzjoni żejda li qegħda hemm għal xejn għax ma tintuzax. Informazzjoni għall xejn tisslowja il-PC. Meta inti tirranja programm tista tgħid li dan

dejjem jiċċekja ir-*registry* u meta jagħmel dan jiċċekja fl-informazzjoni kollha, qegħda hemm żejda jew le. Meta tneħħi din id-*data* bla użu, il-programmi jirranjaw aktar malajr għax ma jkunx hemm *data* żejda biex tiġi iċċekjata. Ħaġa oħra li ma għandiex tiġi injorata hija li nformazzjoni bla użu tista tikkonflittja (interfering) ma informazzjoni li tintuża.

Nissuġġerixxi li tixtri *registry cleaner* tajjeb. Dan bżonjuż ħafna, neċessarju u jiswa ftit flus. Jekk tfittex fuq il-*google* issib kemm trid. Irranja dan is-*software* darba fix-xahar jew meta tkun qiegħed tagħmel il-*maintenance.*

3). Żomm kaxxa għas-CDs

Jiena għandi CD-R *spindle* vojta li ġo fiha nżomm dak kollu neċessarju li jista jkolli bżonn, eżempju, *drivers* (importantissimi) u ħafna *software* CD-ROMs. Din ma tieħux spazju u nsibha komda ħafna. Ġieli jkolli bżonn xi programm biex ninstallah għax ma jkunx possibbli li niddawnlowdjah.

Meta jinqala xi saram, barra milli taħli ħafna ħin, ma jkollokx aptit toqgħod tfittex xi diski antiki. Dejjem żomm kaxxa b’diski riċenti biex ikollok kollox f’post wieħed.

4).Neħħi it-trab.

Tiskanta kemm hawn nies li meta jaraw daqxejn trab fuq l-għamara ittihom f’agħjnhom u jkunu jridu ineħħuha dak il-ħin stess imma fejn jidħol il-PC dan ma jimpurtax. Il-*computer* għandu xi *fans* u ventijiet biex jagħddi ir-riħ u ma jisħonx. Dawn iżommu ħafna trab maħħom u jtellfu iċ-cirkolazzjoni ta l-arja. Dan it-trab dejjem għandu jiġi mnaddaf speċjalment qabel ma jidħol is-sajf. Imma it-trab ħażin għall-*computer?.*

It-trab huwa iżolatur effettiv u jżomm is-sħana ġewwa il-*computer*. Is-sħana iġġiegħel lill metal u dawk il-partijiet li jiċċaqalqu biex jespandu, u b’konsegwenza li l-*wear and tear* jiżdied. Il-*ball bearing* irqaq li hemm fid-*disk drives* huma suġġetti għall dan. Is-sħana timpedixxi ukoll lil dawk il partijiet elettroniċi li jiċċaqalqu biex ma jaħdmux kif suppost.

Ġa spjegajt kif tiftaħ il-*computer* u tneħħi it-trab fl-aħħar kitba tiegħi sigurta fuq l-internet, numru 10). Computer nadif.

5). *Defragment*.

Xi drabi jkollok bżonn tisbarazza ta' malajr għax ikunu ġejjin in-nies id-dar fi ftit ħin. Taqbad dawk l-affarijiet li għandek bżonn terfa u tara kif se terfagħhom malajr kemm jista jkun. Il-*windows* hekk jagħmel meta jissejvja *file*. Biex jiffranka il-ħin ma jpoġġix il-*files* f'ordni sħieħa u unita.

Għalhekk għandek tagħmel *defragment* tad-*disk drive* bejn wieħed u ieħor darba fix xagħar. Din hija ħaġa sempliċi biex tagħmilha fejn tidħol il-manutenzjoni tal-PC. Sempliċiment startja il-programm li jagħmel id-*defragmentation* li qiegħed fill-*Control Panel* xi ġurnata qabel ma torqod u fil-għodu issib id-*disk drive* lesta f'ordni tajba.

Biex issib il-programm li jagħmel id-*defragmentation* għamel hekk. Ara il-*Control Panel view by category* u għażel *System and Security*. Taħt *Administrative Tools* għażel *Defragment your hard drive*.

6). Files idduplikati.

Files idduplikati, jiġifieri listess, jieħdu spazju żejjed fuq il-*Hard disk*. Per eżempju jaf ikollok hafna ritratti dduplikati għax tkun insejt tħassar il-qodma mill-*camera* qabel ma ttrasferejthom fill-*Hard Disk*. Jiena kemm il-darba ġrali hekk. Proċessi oħra fill-*computer* joħolqu *files* idduplikati wkoll u tispiċċa b'ħafna *files* doppji u ħela ta' spazju.

Il-*Hard Disk* ikollha eluf ta' *files* fiha u biex toqgħod tfittix dawk idduplikati wieħed wieħed hija biċċa xogħol impossibli. Għalekk jeżistu programmi li jagħmlu dan ix-xogħol. Dawn faċilment issibhom fuq l-internet bi ftit flus.

Dawn il-kwalita ta' programmi li jsibu il-*files* idduplikati tista tgħid kollha jaħdmu fuq l-istess priċipju. Dawn jeżaminaw kull *file* li għandek fis-sistema, jikkomparawhom ma' xulxin u permezz ta' *mathematical representation* ta' kull *file*, li tissejaħ *checksum* dan is-*software* (jinduna) li l-*files* huma bħall xulxin eżatt. Dan il-proċess li hu preċiż ħafna jieħu ftit tal-ħin speċjalment jekk għandek numru kbir ta' *files*. Meta xi

*file* jew *files* jinstabu tkun tista tagħżel liema *files* tixtieq tneħħi.

6). Installa l-*updates*.

Il-biċċa l-kbira tal-*viruses* li jinfirxu malajr u jinfettaw ħafna *computers* huma iddisinjati (miktuba) biex isibu xi programm tal-*windows* jew xi applikazzjoni u jinfettaw parti speċifika minnha b'tali mod li din l-applikazzjoni tibqa taħdem xorta waħda. Il-*programers* li jiktbu dawn il-programmi ġeneralment joħorġu dik li tissejjaħ 'patch' malli jindunaw b'xi *file* infettat. Il-*programers* ġieli joħorġu 'patches' bill-quddiem biex ċertu *files* ma jiġux infettati. Għalekk meta joħorġu *patches* ġodda qis li tagħmilhom biex tipproteġi lill-*computer* u id-dokumenti personali.

Kif tinstalla dawn il-*patches?,* sempliċi, dejjem installa l-*upgrades* li joħorġu għall-programmi tiegħek. L-aktar programmi importanti huma dawk li taċċessa l-*internet* u dawk il-programmi li jiftħu *files* minn fuq l-*internet*. Per eżempju. *Internet Explorer, Google Chrome, Mozilla Firefox, Adobe Acrobat Reader*, *Microsoft Office* u il-logħob kollu *Multi-Player*.

Xi programmi permezz tal-*help* jew *tools menu* għandom il-faċilita biex tiċċekja għall xi *updates*. Nissuġġerixxi li bħala *maintenance* tagħmel *check for updates* darba fix-xahar.

7). Neħħi li *Startup programs*.

Meta *computer* ikun ġdid jieħu bejn 20 u 40 sekonda biex jistartja (startup) u *computers* oħra li ilhom jaħdmu għall sena per eżempju idumu bejn 2 minuti u aktar biex jistartjaw. X'ġara, x'inbidel matul sena żmien?. Dan kollu jista jkun effett ta' li *Startup programs*.

Ħafna programmi illum jinstallaw *startup program* biex il-*main program* ikun faċli biex jaħdem u jinstallaw xi *icon* fit-*task bar* ukoll jew inkella biex il-*main program* jaħdem aktar malajr, jillowdjawħ minn qabel (pre-loading). Sfortunatament dawn iż-żewġt metodi ixekklu lil-*computer* b'konsegwenza li jdum aktar biex jistartja. Il-*laptops* ibagħtu ħafna minn dan.

Biex il-PC jieħu inqas ħin biex jistartja jenħtieg li dawn li *Starup programs* tieħu ħsiebhom.

8). Għamel *Backup*.

IL-*Backup* mijiex strettament parti mil-*maintenance*. Bill-backup minntix se tagħmel il-*computer* tiegħek jaħdem aħjar jew iservik aktar, pero tgħinek biex toħroġ minn sitwazzjonijiet meta il-computer jiġrilu xi ħsara u ma tieħux dik il-battikata biex iġġib il-computer f'postu.

Għamel *backup* mill anqas darba fix-xagħar għax ma tafx x'jita jinqala.

Il-lum se nieqaf hawn. Darba oħra nikteb fuq xi suġġett ieħor interressanti.

Saħħa...

John Felter.